**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 704/97

Joseph Cassar

vs

Enemalta Corporation

Illum 4 ta' April, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1987 u l-1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi huwa beda jahdem ma' The Shell Company (Malta) Ltd. fid-19 ta' Novembru 1953 bhala Airfield Operator u wara fl-istess grad mal-Korporazzjoni Enemalta meta s-Shell waqfet topera skond il-

ftehim li kien intlahaq mal-Gvern ta' Malta fit-2 ta' Dicembru 1977.

Illi huwa bejn Novembru 1953 u Mejju 1995 meta spicca bil-pensjoni kemm mal-Kumpanija Shell kif ukoll mal-Korporazzjoni Enemalta dejjem qeda d-doveri tieghu bl-akbar abilita` u lejalta` lejn dawn iz-zewg Kumpaniji.

Illi huwa d-doveri tal-grad ta' Airfield Operator qdiehom kemm bhala Bowser Driver kif ukoll bhala Bulk Operator. Tul l-impjieg tieghu max-Shell huwa kien jigi ordnat mis-superjuri tieghu biex maghmilha ta' Acting Chargehand tax-Shift meta c-Chargehand kien ikun bis-Sick Leave jew bil-vaganzi.

Illi huwa f'Mejju 1988 skond cirkulari tal-Enemalta 19/88 tas-27 ta' April 1988 kien applika ghall-grad ta' Aviation Shift Leader u f'Lulju 1988 skond Cirkulari Nru 25/88 kien applika ghall-grad ta' chargehand (Aviation).

Illi huwa hassu li gie maqbuz ingustament ghall-promotion ta' Aviation Shift Leader meta huwa b' 35 sena esperjenza gie maqbuz mis-Sinjuri Albert Cassar u Paul Psaila li assolutament ma kellhom l-ebda esperjenza tax-xoghol ghax Albert Cassar kellu l-grad ta' Fitter (M.T.) u Paul Psaila kellu l-grad ta' Fitter (Elect). Fir-rigward tar-rizultat ta' Chargehand li huwa kien dejjem jaghmlu bhala Acting huwa gie maqbuz mis-Sur Saviour Chetchuti u minn erbgha ohra li ma kellhom l-ebda esperjenza ta' Bulk

Operator fosthom Joseph Degiorgio, Emanuel Buhagiar, Angelo Galea u Joseph Cutajar.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi huwa jinghata l-grad ta' Aviation Shift Leader bis-sehh minn Settembru 1988 u ghaldaqstant tigi rrangata il-pensjoni. Huwa talab ukoll kumpens xieraq biex jaghmel tajjeb ghall-pensjoni li tilef jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif tiddeciedi li hu xieraq il-qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet illi r-rikorrent kien fiz-zewg kazi li jaghmel referenza ghalihom, gie intervistat minn Bord ta' l-Ghazla mwaqqaf mill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jigi stabbilit jekk kellux il-kwalifiki u l-kwalitajiet necessarji ghall-postijiet li kien applika ghalihom;

Illi fiz-zewg applikazzjonijiet ir-rikorrent ma kkwalifikax, skond l-ordni tal-mertu ippubblikat mill-istess Bord ghall-postijiet li huwa kien applika ghalihom.
Illi fl-ghazliet u d-decizjonijiet tieghu l-Bord ta' l-Ghazla mexa skond kif provdut f'appendici C tal-ftehim Kollettiv bejn il-General Workers Union u l-Korporazzjoni Enemalta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti tas-socjeta intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**
Ikkunsidra

Illi fil-15 ta' Lulju 1999 ir-rikorrent ikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors.

Ir-rikorrent esebixxa r-rapport tal-bord ta' l-ghazla u l-ittri ta' protesti tal-union minhabba li kienu nghataw promozzjonijiet lil nies li ma kellhomx seniority u esperjenza daqs kemm kellu r-rikorrent u cioe` 35 sena bhala Air Field operator filwaqt li whud minn dawk li hadu l-promozzjoni kellhom biss esperjenza ta' sena.

Semma li sar Chargehand fl-1991 meta kien runner up u ha dan il-grad u cioe` aktar minn tliet snin wara li hadu l-grad l-ohrajn.

Hu semma li applika ghall-grad ta' Shift Leader u ghall-grad ta' Chargehand. Ilmenta mill-fatt li ma hax dawn il-promozzjonijiet peress li kien senior, 36 sena jaghmel dak it-tip ta' xoghol. Semma li hu kien jaghmel kollox fuq ix-xoghol, imur ghall-fuel, jirrifjuwilja, jimla' l-bowsers. Minn dawk il-hamsa li hemm imnizzlin a fol 14 tal-process Saviour Chetcuti biss kien jaghmel kull tip ta' xoghol li kien jaghmel hu ghax l-ohrajn ma kienux jafu jaghmlu kollox. Anke Chetchuti kien airfield operator. Semma li fl-iskola setghu kienu kwalifikati aktar minnu imma bhala xoghol le. Biex taghmel supervision trid tkun taf taghmel kollox.

Xehed <u>John Zarb</u> li kien airfield operator. Xehed li jaf lir-rikorrent jahdem mal-Enemalta ghal 17-il sena. Ir-rikorrent kien jaghmel ukoll xoghol ta' bulkman operator u ta' acting chargehand. Meta r-rikorrent kien jaghmel xoghol ta' acting chargehand dan ix-xoghol kien jippartjeni wkoll ghax-xoghol ta' shift leader peress li per ezempju jillarga shift leader tkun trid taghmel certu xoghol li ghandu x'jaqsam ma' ta' shift leader. Ikkonferma li r-rikorrent kellu madwar 35 sena esperjenza hemmhekk fuq dan ix-xoghol. Semma li kien hemm certu Pawlu Psaila li dan Psaila kien ha l-grad ta' electrical fitter u WTO. Psaila kellu inqas esperjenza kemm mix-xhud kif ukoll mir-rikorrent. Psaila kien qabez lir-rikorrent. Zied li lil Psaila u lil Albert Cassar jiftakarhom studenti. Ikkonferma wkoll li Saviour Chetcuti kien ha l-promozzjoni u kien qabez ukoll lir-rikorrent fil-

promozzjoni. Qal li certu nies bhal Joseph Degiorgio, Emanuel Buhagiar, Angelo Galea u Joseph Cutajar kienu hadu l-promozzjoni u qabzu lir-rikorrent fir-rigward tal-promozzjoni meta dawn ma kellhomx esperjenza ta' bulkman operators anzi fir-rigward ta' Joseph Cutajar sal-1987 ftakru biss bhala telephone operator.

Xehed Anthony Mallia li llum huwa Assistant Aviation Inspector u li ilu jahdem mal-Korporazzjoni Enemalta ghal xi hmistax-il sena u qal li lir-rikorrent jiftakru jaghmel xoghol ta' airfield operator, ta' bulkman operator, kif ukoll jaghmel xoghol ta' chargehand - chargehand fl-aviation. Semma li r-rikorrent ma hax il-promozzjoni u kienu qabzuh nies ta' anqas esperjenza minnu. Paul Psaila u Albert Cassar kellhom anqas esperjenza mir-rikorrent peress li r-rikorrent kien ilu jahdem hemmhekk waqt li lil dawn jiftakarhom studenti. Saviour Chetcuti kien ilu mal-Korporazzjoni anqas mir-rikorrent, kif ukoll Joseph Degiorgio, Emanuel Buhagiar, Angelo Galea u Joseph Cutajar li ma kellhomx esperjenza bulkman operator bhal ma kellu r-rikorrent.

John Giuliano kkonferma l-firma tieghu fuq ir-rapport Dok A a fol 11 u 12 li kien ir-rapport fuq il-post ta' Aviation Shift Leader. Hu kien membru tas-selection board. Kienu staqsew xi domandi fir-rigward tax-xoghol li kellhom x' jaqsmu max-xoghol u anke fir-rigward ta' cylinders u l-fuel. Semma li n-nies kienu jafuhom u fil-fehma tieghu min intghazel kien l-ahjar. Semma li ma kellhomx il-files tal-kandidati waqt l-interview. Kienu ddecidew fuq dak li

rrizulta waqt l-interview ghax ma kienux jafu d-dettalji dwar l-applikanti.

Anthony Fenech ikkonferma l-firma tieghu fuq ir-rapport ghal Airfield Chargehand. Il-kriterji li uzaw kienu l-personalita` ta' l-individwu, skola, kwalifiki u leadership skills. Kienu kklasifikaw hamsa ghalkemm dawn ma sarux kollha. Lir-rikorrent ma kienux sabuh adattat. Semma li ma kellux il-files tal-kandidati waqt l-interview. Semma li kien hemm xi whud li kien jafhom u li r-rikorrent kien fis-sezzjoni qabilhom. Ir-rikorrent kien fuq ix-shift tieghu u dejjem sabu tajjeb fuq ix-xoghol u ma kellux rapporti negattivi fil-konfront tieghu.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent qieghed jilmenta li kien applika ghal zewg karigi, wahda ta' Aviation Shift Leader u l-ohra ta' Chargehand Aviation, it-tnejn li huma fl-1988 u fiz-zewg kazi ma hadhiex. Ilmenta li hu kellu 35 sena servizz waqt li dawk li gew moghtija l-pozizzjonijiet kienu relattivament godda u kien hemm anke min ilu biss sena. Il-Korporazzjoni intimata eccepiet li l-ghazla saret minn bordijiet li ghamlu evalwazzjoni tal-kwalitajiet necessarji ghall-post li kellhom l-applikanti u li r-rikorrent skond l-ordni tal-mertu ma kkwalifikax. Dan it-Tribunal dejjem zamm li s-seniority ghandha piz u piz qawwi izda li bl-ebda mod ma hija l-uniku element li jwassal ghall-konkluzjoni dwar hatriet. Hu importanti li r-rikorrent kien kapaci jaghmel kull tip ta' xoghol f' dak is-settur u li ghalhekk sostna li seta' jaghmel is-supervision necessarja. Ammetta li l-ohrajn fl-iskola setghu kienu kkwalifikati

aktar minnu izda sostna li hadd ma kellu esperjenza daqsu. Irrizulta li r-rikorrent gie maqbuz minn nies li kellhom esperjenza anqas minnu u li xi whud kienu ghadhom studenti meta hu kien ilu jahdem zmien. L-ezaminaturi ma kellhomx il-files tal-applikanti waqt l-interview izda ghamlu evalwazzjoni dak il-hin ghalkemm xi whud minnhom kienu jafu lill-applikanti minn qabel.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Illi dan it-Tribunal japprezza sewwa l-fatt tas-snin ta' servizz twil li kellu r-rikorrent kif ukoll ma gie pruvat ebda ilment fil-konfront tieghu inkluz ebda rapport hazin. Izda minn naha l-ohra biex it-Tribunal ikun jista' jasal li saret ingustizzja kif definita fil-Kap. 394 ir-rikorrent irid igib provi dwar kwalifiki akkademici u

teknici, dikjarazzjonijiet tas-superjuri li sabu lilu aktar kompetenti mill-applikanti l-ohra, korsijiet li attenda r-rikorrent u l-applikanti l-ohra, fuq xiex saru d-domandi matul l-interview u risposti li ta r-rikorrent komparati mal-applikanti l-ohra, jekk nghatawx marki ghall-personalita` u l-bazi tal-allokazzjoni ta' tali marki, rapporti annwali jekk kienu jsiru, xi ilmenti possibbli li saru fil-konfront ta' dawk li gew moghtija l-promozzjoni u affarijiet ohra bhal dawn. Sfortunatament ir-rikorrent kwazi ma ghamel xejn minn dan izda bhala provi gab biss x' jiswa hu. Biex it-Tribunal jista' jghid li saret ingustizzja meta hu ma nghatax il-promozzjoni waqt li l-ohrajn inghataw tali promozzjoni bil-fors ikollu jaghmel paragun bejn ir-rikorrent u persuni ohra. Dan ma jistax jaghmlu u ghalhekk sfortunatament ghar-rikorrent it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-Korporazzjoni intimata.

It-Tirbunal pero` ghandu jqis is-snin ta' servizz twal li kellu r-rikorrent kif ukoll in-nuqqas ta' rapporti fil-konfront tieghu ghall-iskop tal-kap tal-ispejjez. Minhabba f' hekk spejjez bla taxxa.